KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fil-15 ta’ Diċembru 2016 [1]

**Kawża C-638/15**

**Eko-Tabak s.r.o.**
**vs**
**Generální ředitelství cel**

[Talba għal deċiżjoni preliminari min-Nejvyšší správní soud (qorti amministrattiva suprema, ir-Repubblika Ċeka)]

“Direttiva 2011/64/UE — Artikolu 2(1) u Artikolu 5(1) — Dazji tas-sisa applikabbli għal tabakk immanifatturat — Kunċett ta’ ‘tabakk għat-tipjip’ — Direttiva 2008/118/KE — Artikolu 1(3) — Kunċett ta’ ‘prodotti minbarra prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa’”

1. Darba ntqal li “xejn mhu bħat-tabakk: hija l-passjoni ta’ nies rispettabbli, u min jgħix mingħajr tabakk ma huwiex denju li jgħix” [2]. Madankollu, illum il-ġurnata l-attitudnijiet soċjali lejn it-tabakk inbidlu b’mod pjuttost drammatiku.

2. Hu x’inhu l-każ, it-tabakk għadu jiġi kkunsmat ħafna fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk, ma huwiex sorprendenti li t-tassazzjoni tiegħu tkompli tagħti lok għal kontroversji [3], kif tixhed il-kawża prinċipali.

3. B’mod speċifiku, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk weraq tat-tabakk imnixxef, ċatt, b’partijiet irregolari, li z-zokk tiegħu tneħħa parzjalment u/jew parti minnu, li għaddew minn proċess ta’ tnixxif primarju u ta’ umidifikazzjoni kkontrollata u fejn tiġi rrilevata l-preżenza tal-gliċerina, u li jistgħu jitpejpu wara preparazzjoni sempliċi permezz ta’ dħin jew ta’ tqattigħ bl-idejn (iktar ’il quddiem “il-prodotti inkwistjoni”), jidħlux fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 2 jew, jekk ikun il-każ, tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/64/UE [4]. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan ma huwiex il-każ, il-qorti tar-rinviju sussegwentement tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva tippreskludix lill-Istati Membri milli jimponu imposta fuq dawn il-prodotti.

4. Għar-raġunijiet segwenti, jiena tal-fehma li prodotti bħal dawk inkwistjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala “tabakk ieħor għat-tipjip” skont l-Artikolu 2(1)(c)(ii) tad-Direttiva 2011/64. Għaldaqstant, dawn jammontaw għal “tabakk manifatturat” skont din id-direttiva, li l-Istati Membri għandhom jissuġġettaw għad-dazju tas-sisa.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Molière, *Dom Juan*, 1665, Xena 1, Att 1 [*Eloġju għat-tabakk* (“*L’éloge du tabac*”)].

3 — Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta’ Settembru 2016, Etablissements Fr. Colruyt, (C-221/15, EU:C:2016:704).

4 — Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta’ Ġunju 2011, dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (ĠU 2011 L 176, p. 24).

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

#### 1. Direttiva 2008/118/KE [5]

5. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/118 jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi arranġamenti ġenerali fir-rigward tad-dazju tas-sisa li jaffettwa direttament jew indirettament il-konsum tal-prodotti li ġejjin (minn hawn 'il quddiem 'prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa'):

[…]

(c) tabakk manifatturat […]

2. L-Istati Membri jistgħu jimponu taxxi indiretti oħrajn fuq prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa għal finijiet speċifiċi, bil-kondizzjoni li dawk it-taxxi jikkonformaw mar-regoli tat-taxxa [tal-Unjoni] applikabbli għad-dazju tas-sisa jew għat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa, il-kalkolu tat-taxxa, l-impożizzjoni tal-ħlas u l-monitoraġġ tat-taxxa, iżda ma jinkludux id-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet.

3. L-Istati Membri jistgħu jimponu taxxi fuq:

(a) prodotti minbarra prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa;

[…]

Madankollu, fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, l-impożizzjoni ta' tali taxxi ma tistax tirriżulta f'formalitajiet konnessi mal-qsim tal-fruntieri."

#### 2. Direttiva 2011/64

6. Bis-saħħa tal-Artikolu 1 fil-Kapitolu 1 (bit-titolu "Suġġett") tad-Direttiva 2011/64, l-Istati Membri għandhom jissuġġettaw it-tabakk immanifatturat ma' struttura armonizzata u rati ta' dazju tas-sisa.

7. L-Artikoli 2, 3 u 5 tad-Direttiva 2011/64 (li jidhru fil-Kapitolu 2 taħt it-titolu "Definizzjonijiet"), jipprovdu:

"Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva tabakk manifatturat għandu jfisser:

(a) sigaretti

(b) sigarri u sigarillos;

5 — Direttiva tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU 2009 L 9, p. 12) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/12/UE, tas-16 ta' Frar 2010, li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat u d-Direttiva 2008/118/KE (ĠU 2010 L 50, p. 1) u bid-Direttiva 2008/118/KE (ĠU 2010 L 50, p. 1) u d-Direttiva tal-Kunsill 2013/61/UE, tas-17 ta' Diċembru 2013, li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u b'mod partikolari l-Majott (ĠU 2013 L 353, p. 5).

(c) tabakk għat-tipjip

(i) tabakk imqatta’ fin intiż għall-brim tas-sigaretti;

(ii) tabakk ieħor għat-tipjip.

[…]

Artikolu 3

1. Għall-iskopijiet ta’ din id-Direttiva sigaretti għandhom ifissru:

(a) rombli tat-tabakk li jistgħu jitpejpu kif inhuma u li mhumiex sigarri jew sigarri żgħar […]

(b) rombli tat-tabakk li, b’sempliċi maniġġjar mhux industrijali, huma mdaħħla f’tubi tal-karti.

(c) rombli tat-tabakk li, b’sempliċi maniġġjar mhux industrijali, huma mgeżwra f’karti tas-sigaretti.

[…]

Artikolu 5

1. Għall-iskopijiet ta’ din id-Direttiva tabakk għat-tipjip ifisser:

(a) tabakk li gie mqatta’ jew maqsum, mdawwar jew ippressat f’forma ta’ kaxxi u jista’ jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri;

(b) skart tat-tabakk impoġġi għall-bejgħ bl-imnut li ma jaqax taħt l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 u li jista’ jiġi mpejjep. Għall-fini ta’ dan l-Artikolu, skart tat-tabakk għandu jiġi kkunsidrat bħala fdal mill-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji miksuba mill-ipproċessar tat-tabakk jew mill-manifattura ta’ prodotti tat-tabakk.

[…]”.

B – *Id-dritt Ċek*

8. L-Artikolu 101 tal-Liġi Nru 353/2003 dwar id-dazji tas-sisa, kif emendat bil-Liġi Nru 95/2011 (iktar ’il quddiem il-“liġi dwar id-dazji tas-sisa”, jipprovdi:

“(1) Tabakk immanifatturat għandu jkun suġġett għad-dazju tas-sisa.

(2) Għall-finijiet ta’ din il-liġi, tabakk immanifatturat ifisser sigaretti, sigarri, sigarillos u tabakk għat-tipjip.

(3) Għall-finijiet ta’ din il-liġi:

[…]

(c) tabakk għat-tipjip ifisser:

1. tabakk li nqata’ jew maqsum mod ieħor, mibrum jew ippressat fi blokki u li jista’ jitpejjep mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri;

2. skart tat-tabakk ippreparat għall-bejgħ lill-konsumatur finali li ma jaqax taħt is-subparagrafi (a) jew (b) u li jista' jitpejjep;

[…]

6. Għall-finijiet ta' din il-liġi, it-tabakk għat-tipjip, ifisser ukoll prodott li fih kollu kemm hu jew parzjalment sustanzi li ma humiex tabakk u li jikkonforma ma' kundizzjonijiet oħra msemmija fil-paragrafu (3)(c) […] jew prodott mhux imsemmi fil-paragrafu (3)(c) jekk huwa intiż għal skop li ma huwiex ta' tipjip, u fl-istess ħin, dak il-prodott jista' jitpejjep u ġie ppreparat għall-bejgħ lill-konsumatur finali.

[…]"

## II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

9. B'deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2013, is-Celní úřad pro Jihočeský kraj (uffiċċju doganali reġjonali ta' Jihočeský kraj, ir-Repubblika Ċeka) ordna l-konfiska u l-qerda tal-prodotti inkwistjoni proprjetà ta' Eko-Tabak s.r.o. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrent"), bis-saħħa ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar id-dazji tas-sisa. Skont il-qorti tar-rinviju, dawk il-prodotti kienu intiżi primarjament għall-bejgħ lil konsumaturi finali.

10. Ir-rikorrenti ppreżentat appell amministrattiv minn dik id-deċiżjoni li kienet, sostanzjalment, ikkonfermata mill-Generální ředitelství cel (direttorat ġenerali tad-dwana, ir-Repubblika Ċeka) fid-29 ta' Mejju 2014. Ir-rikorrenti sussegwentement ressqet kawża għal stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tad-29 ta' Mejju 2014 quddiem il-Krajský soud v Českých Budějovicích (qorti reġjonali ta' České Budějovice, ir-Repubblika Ċeka), fejn sostniet li l-listi tal-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(6) tal-Liġi dwar id-dazji tas-sisa wessgħu illegalment il-lista ta' prodotti tat-tabakk immanifatturat imsemmija fid-Direttiva 2011/64. B'sentenza tat-30 ta' Jannar 2015, dik il-qorti ċaħdet dik it-talba. Il-Krajský soud v Českých Budějovicích (qorti reġjonali ta' České Budějovice) ikkonkludiet li l-ispirtu u l-għan tad-Direttiva 2011/64 kienu fis-sens li jiġi żgurat li prodotti li jistgħu jitpejpu, għalkemm mhux neċessarjament intiżi sabiex jitpejpu, huma suġġetti għad-dazji tas-sisa. Il-Krajský soud v Českých Budějovicích (qorti reġjonali ta' České Budějovice) żiedet tgħid li d-Direttiva 2011/64 kellha l-għan li tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tad-dritt tal-Unjoni, kif, fil-fehma tagħha, kien ġara fil-kwistjoni ta' quddiemha.

11. Ir-rikorrenti ppreżentat appell kontra dik id-deċiżjoni quddiem in-Nejyšší správní soud (qorti amministrattiva suprema, ir-Repubblika Ċeka). Billi kellha dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tal-Artikoli 2 u 5 tad-Direttiva 2011/64, dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) Weraq tat-tabakk imnixxfin, iċċattjati, b'parti irregolari, li z-zokk tagħhom tneħħa parzjalment, li għaddew minn proċess ta' tnixxif primarju u ta' umidifikazzjoni kkontrollata ulterjuri, li rrilevaw il-preżenza ta' gliċerin u li jistgħu jitpejpu wara trasformazzjoni elementari (li tikkonsisti fid-dħin jew it-tqattiegħ tagħhom bl-idejn), jistgħu jitqiesu bħala li jikkostitwixxu, totalment jew parzjalment, tabakk immanifatturat fis-sens tal-Artikolu 2(1)(c)(ii) jew tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva [2011/64]?

(2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 5, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (kodifikazzjoni), jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta wkoll għad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk immanifatturat, tabakk li mhux imsemmi fl-Artikoli 2 u 5 [tad-Direttiva 2011/64], li, mingħajr ma jkun intiż għat-tipjip, jista' madankollu jitpejjep (huwa ta' natura jew tajjeb għat-titjip) u li huwa ttrasformat biex jinbiegħ lill-konsumatur finali?"

12. Saru sottomissjonijiet bil-miktub mill-Gvern Ċek, mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern Taljan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Fis-seduta li saret fis-26 ta' Ottubru 2016, il-Gvern Ċek, il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## III – **Analiżi**

13. Kif turi din it-talba għal deċiżjoni preliminari, hemm dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' "tabakk manifatturat" kif użat fid-Direttiva 2011/64, b'mod partikolari, it-tifsira korretta tal-kliem "tabakk għat-tipjip", "tabakk ieħor għat-tipjip" u "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri". Il-Kummissjoni rrikonoxxiet dawn id-diffikultajiet interpretattivi fl-evalwazzjoni REFIT (programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni) tad-Direttiva 2011/64[6]. Konsegwentement, id-domandi magħmula għandhom jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiġi pprovduta xi ftit ta' kjarifika.

### A – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

14. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qed titlob għajnuna sabiex tiddetermina jekk weraq tat-tabakk u/jew partijiet minnu mnixxfin, iċċattjati, b'parti irregolari, li z-zokk tagħhom tneħħa parzjalment, li għaddew minn proċess ta' tnixxif primarju u ta' umidifikazzjoni kkontrollata, u fejn il-preżenza ta' gliċerina hija rrilevata, jidħlux fit-tifsira ta' "tabakk manifatturat" kif użat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/64.

15. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/64, "tabakk manifatturat" jinkludi sigaretti, sigarri, sigarillos u tabakk tat-tipjip. Għaldaqstant, dawn il-prodotti huma suġġetti għad-dazju tas-sisa.

16. "Tabakk għat-tipjip", kif użat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/64, huwa ddefinit jew bħala "tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti" jew "tabakk ieħor għat-tipjip". Konsegwentement "tabakk ieħor għat-tipjip" jirreferi għal kategorija ta' prodotti tat-tabakk li la huma sigaretti, la sigarri, sigarillos u lanqas tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti.

17. "Tabakk għat-titpjip" huwa ddefinit iktar fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2011/64 bħala li fih tip ta' tabakk għat-tipjip li ser insejjaħ tabakk għat-tipjip proprju [ittra (a)] u skart tat-tabakk għat-tipjip [ittra (b)]. Huwa t-tip ta' tabakk tal-ewwel li huwa fil-qofol tal-proċeduri prinċipali.

18. Skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64, "tabakk għat-tipjip" għandu jissodisfa żewġ settijiet ta' kundizzjonijiet: l-ewwel nett, għandu jkun "tabakk li gie mqatta' jew maqsum, mdawwar jew ippressat f'forma ta' kaxxi" u t-tieni, "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri".

19. Kif sostnew il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni, il-kliem tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64 jissuġġerixxi li l-prodotti tat-tabakk għandhom jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet sabiex jiġu kklassifikati bħala "tabakk għat-tipjip" taħt din id-dispożizzjoni. Jiena ser nikkunsidra ż-żewġ kundizzjonijiet wara xulxin hawn taħt.

6 — Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE skont il-programm REFIT u dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, COM(2015) 621 finali, p. 8 *et seq.*

1. L-ewwel kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64: "mqatta' jew maqsum, mdawwar jew ippressat f'forma ta' kaxxi"

20. Id-deskrizzjoni fid-digriet tar-rinviju tal-prodotti inkwistjoni tagħti l-impressjoni li dawn il-prodotti – weraq sħiħ imnixxef tat-tabakk – ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li nqatgħu, ġew ippressati f'kaxxi jew imdawra. Iżda, jistgħu jiġu deskritti bħala "maqsum[a]"? F'dan ir-rigward l-ordni tar-rinviju jgħid li l-weraq inkwistjoni "tneħħa parzjalment", li jfisser li z-zokk irqiq tal-werqa (iz-zokk li jappoġġa l-parti ċatta ta' werqa u jgħaqqadha maz-zokk ewlieni tal-pjanta) ikun tneħħa għal kollox jew tneħħa parzjalment. Skont il-Gvern Ċek, ma hemmx dubju li dak it-trattament jista' jiġi deskritt bħala "maqsum". Waqt is-seduta, il-Kummissjoni stqarret li fil-fehma tagħha, is-sempliċi tneħħija taz-zokk irqiq ma jkunx biżżejjed biex tiġi ssodisfatta din l-ewwel kundizzjoni. Madankollu, din l-istituzzjoni ma eskludietx li l-prodotti inkwistjoni jistgħu jkunu jew imqatta', imdawra jew ippressati f'forma ta' kaxxi, imma din iċ-ċertezza dwar dan l-aspett ikun jeħtieġ deskrizzjoni iktar iddettaljata ta' dawk il-prodotti minn dik li hemm fid-digriet tar-rinviju.

21. B'kuntrast, dan id-digriet jidher li huwa bbażat fuq il-kunċett li l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta – tal-inqas, ma tirrifletti espliċitament ebda dubju f'dan ir-rigward. Madankollu, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma interpretat din il-kundizzjoni qabel, jiena ser nipprova nagħti ftit għajnuna f'dan ir-rigward.

22. Fil-fehma tiegħi, anki jekk paragun lingwistiku ma jipprovdix tweġiba konklużiva għal dik il-mistoqsija[7], interpretazzjoni korretta tal-kelma "maqsum" għandha tinkludi weraq tat-tabakk li z-zokk tagħhom tneħħa parzjalment sabiex jitneħħa z-zokk l-irqiq. Fil-fatt, din il-proċedura teħtieġ li werqa titqatta' minn tal-inqas parzjalment min-nofs bejn wieħed u ieħor skont il-fiżjonomija tal-werqa, sabiex jibqgħu ż-żewġ nofsijiet li jistgħu jibqgħu magħquda b'parti mill-parti ċatta tal-pjanta.

23. Fil-fehma tiegħi interpretazzjoni bħal din hija sostnuta mill-formulazzjoni, il-kuntest u l-għan tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64.

24. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64, fil-verżjoni Ingliża, l-użu tal-kelma "otherwise" fil-kliem "otherwise split" jissuġġerixxi li t-tabakk għat-tipjip proprja, kif irregolat minn dik id-dispożizzjoni, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' sabiex jitħalla li varjetà ta' proċessi ta' manifattura tiġi inkluża mingħajr il-bżonn li jiġu ddefiniti l-modi kollha possibbli kif jista' jiġi mmanifatturat.

25. Fit-tieni lok, il-kuntest tad-Direttiva 2011/64 jikkonferma dan.

26. Qabel kollox, l-iskart tat-tabakk għat-tipjip skont l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2011/64 huwa ddefinit bħala "fdal mill-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji". Minħabba l-fatt li l-fdalijiet taz-zkuk tat-tabakk u z-zkuk iż-żgħar – inklużi z-zkuk irqaq – jidhru li jikkostitwixxu tali fdal u/jew prodotti sekondarji, il-parti li jifdal tal-werqa tat-tabakk b'dawk il-partijiet imneħħijin – jiġifieri, il-parti li hija l-iktar adattata għall-finijiet tat-tipjip – tista' tiġi kklassifikata, għall-kuntrarju, bħala tabakk għat-tipjip proprju.

7 — Il-verżjonijiet l-oħra tad-Direttiva 2011/64 ma tantx jitfgħu dawl fuq it-tifsira ta' "maqsum". Minn naħa, uħud minn dawk il-verżjonijiet jissuġġerixxu li "maqsum" ifisser li t-tabakk għandu attwalment jispiċċa f'biċċiet iżgħar (bl-Ispanjol: "fraccionado de otra forma"; bil-Ġermaniż: "anders zerkleinerten"; bil-Franċiż: "fractionné d'une autre façon"; bit-Taljan: "in altro modo frazionato"; bl-Olandiż: "op andere wijze versnipperde"; bil-Portugiż: "fraccionado de outra forma"; bir-Rumen: "divizat în alt mod"; bil-Finlandiż: "tai muutoin paloiteltua"). Min-naħa l-oħra, verżjonijiet lingwistiċi oħra huma iktar miftuħa għall-idea li sempliċi qasma hija biżżejjed (bid-Daniż: "revet", bl-Ingliż: "otherwise split", u bl-Isvediż: "på annat sätt strimlats").

27. Barra minn hekk, kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni waqt is-seduta, l-użu tal-kunċett miftuħ u, fil-parti l-kbira li jiddefinixxi lilu nnifsu, ta' "tabakk ieħor għat-tipjip" taħt il-kappa ta' "tabakk għat-tipjip" skont l-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 2011/64 jimplika li "tabakk ieħor għat-tipjip" għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' bħala kategorija residwa intiża sabiex tinkludi tipi ta' tabakk immanifatturat li ma jidħlux f'kategoriji iktar speċifiċi elenkati qablu.

28. Fl-aħħar lok, l-għan kumplessiv tad-Direttiva 2011/64 jeħtieġ ukoll li l-kunċett ta' "tabakk għat-tipjip" jiġi interpretat b'mod wiesa'.

29. Sabiex jintlaħaq il-funzjonament xieraq tas-suq intern, id-Direttiva 2011/64 għandha l-għan li tiżgura li l-applikazzjoni fl-Istati Membri ta' taxxi li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti fis-settur tat-tabakk immanifatturat ma toħloqx distorsjoni fil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni u ma tipprekludix il-moviment liberu tagħhom ġewwa l-Unjoni. B'mod partikolari, il-premessa 9 ta' din id-direttiva tiddikjara li l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tad-dazju tas-sisa għandha, b'mod partikolari, tirriżulta f'li ma jkunx hemm distorsjoni fil-kompetizzjoni f'kategoriji differenti ta' tabakk immanifatturat li jappartjenu għall-istess grupp minħabba l-effetti tal-impożizzjoni tat-taxxa u, konsegwentement, bil-ftuħ tas-swieq nazzjonali tal-Istati Membri [8]. Dan l-għan li jiġi żgurat li ma jkunx hemm distorsjoni fil-kompetizzjoni huwa speċifikat mill-premessa 8 tad-Direttiva 2011/64, li essenzjalment tgħid li prodotti simili għal kategorija elenkata għandhom jiġu ttrattati, għall-finijiet tad-dazju tas-sisa, bħala parti minn dik il-kategorija. F'dan ir-rigward, huwa ovvju li werqa tat-tabakk imnixxfa li hija parzjalment maqtugħa fi tnejn hija simili għal werqa tat-tabakk imnixxfa li hija effettivament maqtugħa fi tnejn.

30. Barra minn hekk, il-premessa 2 tad-Direttiva 2011/64 tipprovdi li l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Unjoni għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u li prodotti tat-tabakk jistgħu jikkawżaw dannu serju lis-saħħa. Hemm riskju li interpretazzjoni ristretta żżejjed tal-ewwel kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(a) ta' din id-direttiva tgħaddi mir-riskju li tmur kontra dan l-għan ta' saħħa pubblika billi potenzjalment tiġi limitata l-possibbiltà li jkun hemm rikors lejn miżuri ta' politika fiskali sabiex tittaffa d-domanda għal dawn il-prodotti [9].

31. Konsegwentement, minn dak li ntqal iktar 'il fuq, il-kunċett ta' "tabakk għat-tipjip", kif użat fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'. Għaldaqstant, inqis li l-prodotti inkwistjoni jissodisfaw l-ewwel kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq fil-punt 18.

32. F'dak l-isfond, issa ser ngħaddi għall-kwistjoni li hija speċifikament kontenzjuża fil-proċeduri prinċipali u l-punt fokali tal-ewwel domanda preliminari tal-qorti tar-rinviju: jekk il-prodotti inkwistjoni jistgħux "jintuża[w] għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri", li hija t-tieni kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64.

## 2. It-tieni kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64: "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri"

33. Sabiex jikkwalifika bħala "tabakk għat-tipjip", id-definizzjoni, mogħtija ta' tabakk għat-tipjip proprju fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64, teħtieġ li dan ikun "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri" (it-tieni kundizzjoni).

8 — Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2016, Etablissements Fr. Colruyt (C-221/15, EU:C:2016:704, punt 21). Ara wkoll is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Yesmoke Tobacco (C-428/13, EU:C:2014:2263, punt 23).

9 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Yesmoke Tobacco, (C-428/13, EU:C:2014:2263, punti 35 u 36).

34. Waqt is-seduta, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni qagħdu ħafna fuq is-sentenza Schenker sabiex isostnu l-fehma tagħhom – fehma kondiviża mill-Gvern Spanjol u dak Taljan – li l-prodotti inkwistjoni jissodisfaw it-tieni kundizzjoni, fejn isostnu li l-istess approċċ għandu jittieħed kemm jekk jiġu interpretati regoli dwar il-klassifikazzjoni doganali (li kienu inkwistjoni f'dik il-kawża) kif ukoll dawk fuq id-dazji tas-sisa. Madankollu, għalkemm għaċ-ċertezza legali huwa preferibbli approċċ uniformi, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja ma kklassifikatx l-oġġetti inkwistjoni f'dak il-każ hija stess, imma qagħdet minflok fuq il-konstatazzjoni ta' fatt tal-qorti nazzjonali li dawk l-oġġetti kienu tabakk għat-tipjip. Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni qalet ġustament waqt is-seduta li l-kriterju deċiżiv għall-finijiet ta' klassifikazzjoni doganali huwa jekk il-weraq tat-tabakk ġiex suġġett għall-ipproċessar sa tali mod li jikkostitwixxu tabakk immanifatturat lest għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri, jekk dan huwiex il-każ huwa preċiżament dak li titlob kjarifika dwaru l-qorti tar-rinviju mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni [10].

35. Issa, id-Direttiva 2011/64 ma tagħti ebda spjegazzjoni għat-tifsira preċiża tal-kliem "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri". Madankollu, fis-sentenza Brinkmann, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit taħt dak li issa huwa l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2011/64 li s-sigaretti jistgħu jiġu kkonsmati "kif inhuma" jiddeskrivi prodott lest. Għalhekk, rombli tat-tabakk prodotti industrijalment imgerrba f'ċelluloża poruża, li jkollhom jiddaħħlu f'tubu tal-karti tas-sigaretti jew mibruma fil-karta tas-sigaretti qabel ma jistgħu jitpejpu, ma kinux jistgħu jiġu kklassifikati bħala sigaretti taħt dik id-dispożizzjoni, imma tal-inqas bħala "tabakk għat-tipjip", billi dawk ir- rombli kienu jistgħu jitpejpu mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri [11]. Għalhekk dik is-sentenza ssostni l-idea li l-kunċett ta' "tabakk għat-tipjip" ma huwiex limitat għal-prodotti lesti.

36. Approċċ simili jidher li ttieħed fl-Artikolu 3(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2011/64. Din id-dispożizzjoni tirreferi għal rombli ta' tabakk li, "b'sempliċi maniġġjar mhux industrijali", huma mdaħħla f'tubi tal-karti tas-sigaretti jew mgeżwra fil-karti tas-sigaretti. L-idea mogħtija mill-kliem "b'sempliċi maniġġjar mhux industrijali" donnha tikkoinċidi ma' dak li jreġi l-espressjoni "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri". Wara kollox, id-differenza prinċipali bejn sigaretti skont l-Artikolu 3(1)(b) u (c) u tabakk għat-tipjip proprju skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva tidher li hija l-apparenza fiżika tat-tabakk inkwistjoni (jiġifieri, minn naħa, tabakk iffurmat f'rombli u, min-naħa l-oħra, tabakk li tqatta' jew inqasam mod ieħor, iddawwar jew ġie ppressat f'forma ta' kaxxi) [12].

37. Għalhekk, il-ġurisprudenza taħt dak li issa hu l-Artikolu 3(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2011/64 dwar is-"sempliċi maniġġjar mhux industrijali" tista' tipprovdi sors ta' ispirazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' titnebbaħ minnha. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-inserzjoni ta' rombli ta' tabakk maqtugħ fin, kull wieħed mgeżwer f'tubu ta' fojl tal-aluminju miftuħ fiż-żewġ naħat tad-dimensjonijiet xierqa, biex jiddaħħal f'tubi tal-karta tas-sigaretti b'tarf bil-filter, u mbagħad jitneħħa t-tgeżwir bl-għajnuna ta' tagħmir id-daqs ta' biro biex it-tabakk jibqa' ġewwa t-tubu, huwa "sempliċi maniġġjar mhux industrijali". Għalhekk, dawn ir-rombli tat-tabakk jistgħu jiġu kklassifikati bħala sigaretti taħt dak li issa huwa l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2011/64, pjuttost milli tabakk imqatta' fin għall-brim tas-sigaretti – jew biex nuża kliem iktar idjomatiku, tabakk tal-brim – taħt dak li issa hu l-Artikolu 2(1)(c)(i) tagħha [13]. B'mod speċifiku, l-Avukat Ġenerali Jacobs iddeskriva

10 — Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Schenker, (C-409/14, EU:C:2016:643, punti 89 u 90, ara l-punt 79). Inżid ngħid li filwaqt li kemm it-tabakk għat-tipjip proprju kif ukoll skart tat-tabakk għat-tipjip huma forom ta' "tabakk għat-tipjip" skont l-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2011/64, mis-sentenza msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li skart tat-tabakk huwa kklassifikat b'mod differenti minn tabakk għat-tipjip għall-finijiet doganali.

11 — Sentenza tal-24 ta' Settembru 1998, Brinkmann (C-319/96, EU:C:1998:429, punti 18 u 20), li tinterpreta d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikolu 3(1) u 4(1) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 79/32/KEE, tat-18 ta' Diċembru 1978, dwar taxxi li ma humiex taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk (ĠU 1979 L 10, p. 8).

12 — Fuq linja simili, skart tat-tabakk għat-tipjip li huwa suġġett għad-dazju tas-sisa taħt l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2011/64 huwa l-fdalijiet tal-weraq tat-tabakk u prodotti sekondarji miksubin mill-ipproċessar tat-tabakk jew il-manifattura tal-prodotti tat-tabakk li, apparti milli jitpoġġew għall-bejgħ bl-imnut, jistgħu jitpejpu.

13 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2005, Il-Kummisjoni vs Il-Ġermanja, (C-197/04, EU:C:2005:672, punti 31 u 32), dwar, *inter alia*, l-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE, tas-27 ta' Novembru 1995, dwar taxxi li mhumiex taxxi fuq il-qligħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 283).

"sempliċi maniġġjar mhux industrijali" bħala "prattikament kwalunkwe proċess fejn min ipejjep jagħmel is-sigaretti tiegħu stess minn komponenti mmanifatturati". Huwa żied jgħid li "jekk il-proċess ma setax isir wara ftit prattika, b'ċertu faċilità u b'grad moderat ta' kompetenza minn persuna medja li tpejjep sabiex tipproduċi sigarett aċċettabbli, mhux probabbli li l-komponenti isibu suq"[14].

38. Mingħajr dubju, il-kwistjoni ta' llum ma hijiex limitata għal sitwazzjonijiet li jinvolvu proċess fejn il-persuna li tpejjep tagħmel is-sigaretti tagħha stess minn komponenti li fir-rigward tagħhom il-proċess ta' manifattura, f'termini konvenzjonali, ġie fi tmiemu. Għaldaqstant, paragun iktar xieraq jista' jkun tabakk tal-brim, li huwa t-tip l-ieħor ta' "tabakk għat-titjip" elenkat fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 2011/64. Użu ta' tabakk tal-brim ifisser li l-persuna li tpejjep għandha b'abbiltà tpoġġi tabakk sfuż fuq folja rqiqa tal-karta u tobromha jew tgeżwirha f'forma ċilindrika rqiqa. Il-persuna li tpejjep tista' tpoġġi wkoll filtru tas-sigaretti fuq naħa waħda tal-karta qabel ma tobrom. Filwaqt li din l-operazzjoni tista' għall-ewwel tkun diffiċli, madankollu l-persuni kollha li jpejpu jistgħu jagħmlu dan u persuna medja li tpejjep, bi ftit prattika, jirnexxielha tikseb padronanza tal-ħila involuta.

39. L-istess linja ta' raġunament tista' tiġi applikata għall-kliem "jista' jintuża għat-tipjip mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri" kif użat fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64. Dan iwassalni biex nikkunsidra li, b'mod ġenerali, "tabakk għat-titpjip" skont din id-dispożizzjoni huwa tabakk li, mingħajr ma jaqa' taħt waħda mill-kategoriji oħrajn li hemm f'din id-direttiva, huwa lest, jew faċilment jista' jkun lest permezz ta' mezzi mhux industrijali, għall-konsum. Jekk dan huwiex il-każ għandu jiġi indirizzat minn perspettiva funzjonali. F'dan ir-rigward, it-trasformazzjoni manwali għall-konsum tagħhom infushom mill-persuni li jpejpu, li mhux neċessarjament għandhom ħiliet predisposti f'dak ir-rigward, tat-tabakk li jkun mqatta' jew maqtugħ mod ieħor, imdawwar jew ippressat f'forma ta' kaxxi fi prodott li jista' jitpejjep, ma tammontax għal ipproċessar industrijali.

40. Għall-kuntrarju, inqis li żerriegħa tat-tabakk, pjanti tat-tabakk u weraq tat-tabakk maqtugħ frisk li fir-rigward tagħhom ikun għadu ma bediex il-proċess ta' tnixxif u fermentazzjoni, la jikklassifikaw bħala "tabakk għat-tipjip" skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64 u lanqas, għaldaqstant, bħala "tabakk manifatturat" skont l-Artikolu 2 tagħha.

41. Inżid ngħid li l-interpretazzjoni mogħtija iktar 'il fuq fil-punt 39 hija l-aħjar li toqgħod għall-għanijiet tad-Direttiva 2011/64, kif intqal iktar 'il fuq fil-punti 29 u 30, jiġifieri, kompetizzjoni mingħajr distorsjoni u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.

42. F'dan l-isfond, u wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi proċeduri ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tindika jekk il-prodotti tat-tabakk bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jeħtiġux ipproċessar industrijali sabiex ikunu jistgħu jitpejpu.

43. F'dan ir-rigward, it-talba għal deċiżjoni preliminari tirreferi għal rapport ta' espert li kkonkluda li l-prodotti inkwistjoni, fin-nuqqas ta' preparazzjoni ulterjuri, ma jistgħux jitpejpu jew isiru sigarett, jew jintużaw sabiex jimlew tubu tas-sigaretti jew pipa. Madankollu, skont dak ir-rapport, il-prodotti inkwistjoni jistgħu, wara li jitqattgħu jew jitgħaffġu, jintużaw sabiex jinbaram sigarett jew sabiex jimtela romblu tas-sigaretti jew pipa. Imbagħad jitpejpu. Il-qorti tar-rinviju żżid tgħid li l-istabbilimenti li jbigħu l-prodotti inkwistjoni joffru lill-klijenti l-possibbiltà li jippreparaw il-weraq tat-tabakk b'għodda li taqta' li tkun disponibbli fuq il-bank tal-ħanut. Inżid ngħid li naf ukoll li din l-għodda tinstab u tinxtara faċilment fis-suq bl-imnut.

44. Minn din id-deskrizzjoni, huwa ċar li l-prodotti inkwistjoni fil-fatt jeħtieġu xi forma ta' pproċessar ulterjuri, imma ma jidhirx li dan l-ipproċessar ma jistax jitwettaq minn persuna medja li tpejjep.

14 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Il-Kummisjoni vs Il-Ġermanja (C-197/04, EU:C:2005:476, punt 25). Dan l-approċċ ġie approvat mill-Qorti tal-Ġustizzja: ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2005, Il-Kummisjoni vs Il-Ġermanja (C-197/04, EU:C:2005:672, punt 31).

45. Għaldaqstant, f'ċirkustanzi bħal dawk deskritti fid-digriet tar-rinviju, inqis li l-prodotti inkwistjoni jistgħu jitpejpu mingħajr ipproċessar industrijali ulterjuri fit-tifsira tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2011/64. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq fil-punti 22 sa 31, dawn il-prodotti jissodisfaw ukoll il-karatteristiċi fiżiċi (l-ewwel kundizzjoni) tat-tabakk għat-tipjip taħt dan l-istess artikolu. Konsegwentement, inqis li l-prodotti inkwistjoni jistgħu jitqiesu, bħala tali, bħala "tabakk ieħor għat-tipjip" fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(c)(ii) u, għaldaqstant, "tabakk manifatturat" suġġett għad-dazju tas-sisa [15].

B – *It-tieni domanda preliminari*

46. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fil-każ li l-prodotti inkwistjoni jitqiesu li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/64 bħala "tabakk manifatturat", l-Istati Membri huma preklużi milli jimponu dazju fuqhom.

47. Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, jista' ma jkunx neċessarju għall-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi risposta għat-tieni waħda. Madankollu, għall-kompletezza, il-veduti tiegħi dwar it-tieni domanda huma dawn li ġejjin.

48. Kif sostniet il-Kummissjoni, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-prodotti inkwistjoni ma humiex "tabakk manifatturat", isegwi li l-prodotti inkwistjoni huma prodotti "minbarra prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa" fit-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/118. F'dik l-eventwalità, mill-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jimponu taxxi fuq dawk il-prodotti, iżda l-impożizzjoni ta' dawn it-taxxi ma għandhiex tagħti lok, fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, għal formalitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri [16]. B'mod partikolari, l-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva ma jipprekludix, fih innifsu, li l-Istati Membri jimponu fuq prodotti differenti minn dawk li huma suġġetti għall-arranġamenti tad-dazju tas-sisa armonizzat, taxxa rregolata minn regoli li huma identiċi għal dawk li jirrigwardaw dawk l-arranġamenti [17].

49. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li d-dazju impost fuq il-prodotti inkwistjoni, fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, ma jagħtix lok għal formalitajiet konnessi mal-qsim tal-fruntieri. F'dan ir-rigward, id-digriet tar-rinviju ma fihx biżżejjed dettalji dwar id-dazju tas-sisa u l-implementazzjoni prattika tiegħu. Għalhekk ser nillimita lili nnifsi għal ċerti kummenti ġenerali li jistgħu jgħinu lill-qorti tar-rinviju sabiex taċċerta ruħha jekk id-dazju tas-sisa impost fuq il-prodotti inkwistjoni huwiex legali fid-dawl tad-Direttiva 2008/118.

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn formalitajiet li jirrigwardaw l-obbligu li jitħallas dazju tas-sisa u formalitajiet li jirrigwardaw il-qsim ta' fruntiera [18]. Il-projbizzjoni li hemm fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2008/118 tapplika biss għas-sitwazzjoni tal-aħħar. Għalkemm jista' jkun hemm bżonn li tiġi ssottomessa dikjarazzjoni fiż-żmien ta' akkwist intraUnjoni – għalhekk fil-ħin tal-qsim ta' fruntiera – l-għan ta' dik il-formalità jista' jkun preċiżament biex jitħallas id-dazju tas-sisa, li ma huwiex ipprojbit skont id-Direttiva 2008/118 [19]. Barra minn hekk, jekk it-taxxa tapplika kemm għal prodotti importati kif ukoll għal dawk domestiċi bl-istess mod, allura kwalunkwe formalità dwar il-ħlas ta' din it-taxxa ma hijiex konnessa mal-qsim ta' fruntiera [20].

15 — F'dan ir-rigward, għalkemm fil-fehma tiegħi ma huwiex meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar jekk il-prodotti inkwistjoni jistgħux jiġu kklassifikati wkoll bħala skart tat-tabakk għat-tipjip skont l-Artikolu 5(1)(b) 2011/64, jiddependi fuq kif il-kunċetti ta' "fdal" u "prodotti sekondarji" jiġu interpretati – pereżempju jekk jistgħux jinkludu weraq tat-tabakk imnixxef intiż għall-użu bħala fertilizzant u/jew finijiet dekorattivi – għalija ma jidhirx li dan huwa eskluż.

16 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Fendt Italiana (C-145/06 u C-146/06, EU:C:2007:411, punt 44), dwar dispożizzjoni simili li tidher fi predeċessur tad-Direttiva 2008/118.

17 — Sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Oil Trading Poland (C-349/13, EU:C:2015:84, punt 34).

18 — Sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Oil Trading Poland (C-349/13, EU:C:2015:84, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Kalinchev (C-2/09, EU:C:2010:312, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata), dwar dispożizzjoni simili li tidher fi predeċessur tad-Direttiva 2008/118.

20 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Oil Trading Poland (C-349/13, EU:C:2015:84, punt 38).

51. Bħala konklużjoni, u biss fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ma taqbilx mar-risposta tiegħi għall-ewwel domanda preliminari, l-Istati Membri jistgħu jimponu taxxa fuq prodotti bħall-prodotti inkwistjoni ħlief fejn dik it-taxxa tkun konnessa biss mal-qsim ta' fruntiera. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dak huwiex il-każ wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq fil-punti 48 u 50.

IV – **Konklużjoni** Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi magħmula min-Nejvyšší správní soud (qorti suprema amministrattiva, ir-Repubblika Ċeka) fis-sens li weraq tat-tabakk imnixxef, ċatt, b'parti irregolari, li z-zokk tiegħu tneħħa parzjalment u/jew partijiet minnu, li għaddew minn proċess ta' tnixxif primarju u ta' umidifikazzjoni kkontrollata u fejn hija rrilevata l-preżenza ta' gliċerina, u li jistgħu jitpejpu wara preparazzjoni sempliċi permezz ta' dħin jew it-tqattigħ tiegħu bl-idejn, għandhom jiġu kklassifikati bħala "tabakk manifatturat" skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE, tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat u, b'mod partikolari, bħala "tabakk tat-tipjip" skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1)(a) tagħha.